**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**Vs**

**Sarah Brincat**

**Kaz Nru: 29/2013**

**Illum 6 ta' Lulju 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Sarah Brincat ta' 28 sena bint Andrew u Margaret nee' Brincat, imwielda Pieta', Malta fid-19 ta' Marzu 1984 u toqghod f'23, Sqaq San Adeodatu, Zejtun detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 179084(M):

Talli granet bejn Mejju 2012 u Awwissu 2012, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Iffalsifikat jew biddlet minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott tal-industrija, jew xjentement ghamlet uzu ta' dawn l-ismijiet, marki, jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

2) Xjentement ghamlet uzu ta' marka, sinjali, tabella jew emblem li jkun fihom dikjarazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew bieghet merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblem;

3) Xjentement qeghdet fic-cirkolazzjoni, bieghet jew zammet ghandha ghall-bejgh jew importat ghal hsieb ta' kummerc merkanzija b'marka, sinjal, jew emblem imxebbhin b'qerq.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata tinsab addebitata bir-reati kkontemplati fl-artikolu 298(1)(a)(c)(f) tal-Kodici Kriminali.

Illi mill-provi jirrizulta li l-Economic Crimes Unit fl-10 ta' Lulju 2012 irceviet kwerela f'isem Martin Galea, rapprezentant ta' 202 Jewelleries Limited (wiehed mid-diretturi) biex il-Pulizija tinvestiga allegazjoni ta' gojellerija kontrafatta li kienet qeghda tinbiegh ghad-dannu tal-kumpanija taghhom. Huwa ndikalhom xi hwienet fosthom dak tal-imputata. Infatti saret tfittxija fil-hanut taghha fl-14 ta' Awwissu 2012 u nstabu zewg cpiepet. Kienet saret controlled purchase minn Amanda Copperstone li talbet specifikatament brazzuletta Tresor Paris u nbieghet cappetta. Fil-hanut kien hem persuna ohra, certu Caroline Camilleri, li wkoll ghaddiet minn proceduri kriminali.

Irrizulta li l-hanut Heavenly Bodies li minnu xtrat ic-cappetta Copperstone kien hanut mikri lill-imputata. Dan il-hanut inqasam b'partition u kien b'zewg bibien separati. Irrizulta li l-imputata kienet thaddem lil din Caroline Camilleri bhala part-time casual. L-imputata hija beautician filwaqt li fin-nota tal-hanut fejn kienet tkun Caroline Camilleri kien hem accessorji u hwejjeg. Mix-xhieda ta' sid il-post irrizulta li l-imputata ma setghetx tissulloka l-hanut. Huwa kien jaf li dan il-hanut gie mifrud b'partition u li kien hemm zewg bibien izda l-kirja kollha kienet tghajjat lill-imputata.

Meta twettqet it-tfittxija fl-14 ta' Awwissu 2012, iz-zewg cpiepet inkwistjoni sabuhom fil-parti li kienet tiehu hsieb Caroline Camilleri f'vetrina. PS 832 in kontro-ezami[1] xehed li l-ircevuta tac-cpiepet elevati harget f'isem Caroline Camilleri. Mill-file irrizultalu li Caroline Camilleri kienet iddikjarat li hija kienet titla' Sqallija, kienet tiddeciedi hija x-xoghol li kienet tixtri, imbaghad tigi Malta u tbieghhom fil-hanut ta' l-imputata. In ri-ezami xehed li Camilleri kienet titla' fuq struzzjonijiet ta' l-imputata.

Caroline Camilleri xehdet li fiz-zmien inkwistjoni kienet impjegata ma' l-imputata bil-paga. Il-merkanzija tal-hanut kienet tixtriha u taghzilha hija.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll Martin Galea[2] li huwa l-kwerelant. Irrizulta li 202 Jeweelery Limited hija sole distributor tad-ditta Tresor Paris. Huwa xehed li marru xi nies fil-hwienet taghhom jilmentaw li xtraw jew qalghu bhala rigal prodott Tresor Paris imma l-kwalita' ma kinitx tajba. Xehed li *"l-process li jinhadmu t-Tresor Paris bracelets huwa specifiku ghat-Tresor Paris. Huma jinhadmu minn materjal jismu magnatide li huwa materjal li huwa, ghandu certu kwalitajiet ghat t'apposta, il-kristalli huma hand cut u huma qeghdin ibbejkjati, meta jsiru jigu ibbejkjati biex il-fosos ma jaqghux"*. Ghalhekk il-process u l-materjal li jintuzaw fit-Tresor Paris ma kienx il-materjal li qed jintuza'. Meta c-cpiepet inkwistjoni huwa kkummenta li l-fosos li ntuzaw jinqalghu malajr u jingirfu bid-daqsxejn ta' uzu. Din ic-cappetta tigi f'kaxxa tat-Tresor Paris izda din mhux kaxxa ufficjali tat-Tresor Paris. Cappetta originali tinbiegh madwar €149.

Xehdet ukoll Karen Muscat fis-sens li meta tara l-brazzuletta mad-daqqa t'ghajn mill-ewwel tinduna li mhix prodott genwin tat-Tresor Paris. Hija spjegat li l-prodott taghhom ghandu l-kristalli kollha maqtughin bl-idejn, jigu processati fuq il-porcellana u jkunu *baked* biex il-fosos ikunu aktar b'sahhithom u tahthom ghandek bocca magnetised biex meta jkunu bbejkjati ma jaqghux il-fosos. Il-hagar huwa genwin mhux plastic u fuq kull *magnetide* hemm *engraved Tresor* U jintuza' nylon li huwa b'sahhtu. Ix-xhud spjegat ukoll li meta tinbiegh brazzuletta din trid tinbiegh f'borza partikolari. Ic-cpiepet mertu tal-proceduri odjerni ma nbieghux hekk. Infatti kompliet li

[1] Seduta tad-19 ta' Settembru 2013
[2] Seduta tas-27 ta' Frar 2013

mal-brazzuletta jinghata katalgu u authentication card bin-numru 202 li f'dan il-kaz kienu neqsin.

Fl-istqarrija taghha l-imputata wiegbet li hija kellha persuna tahdem maghha bhala *salesgirl* li xogholha kien li tiehu hsieb il-bejgh tal-accessorji u hwejjeg ohra. Din il-persuna titla' Sqallija tixtri x-xoghol u hwejjeg ohra u tbiegh mill-hanut taghha. Hija qatt ma marret ma' din il-persuna biex taghzel ix-xoghol. Hija ma tafx meta din xtrathom u milli qaltilha din bieghet cappetta wahda biss ghal €20. Hija kkonfermat li nbieghet cappetta mill-fond mikri lilha. Dan inqasam b'partition u ghandha parti fejn din il-persuna tiehu hsieb tbiegh il-hwejjeg u accessorji u tiddeciedi din il-persuna.

L-imputata ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri. Il-versjoni moghtija minnha li ghalkemm Caroline Camilleri kienet irregistrata bhala impjegata taghha fil-fatt dan kien arrangement bejniethom sabiex Camilleri ma titlifx xi beneficcji li kienet qeghda tippercepixxi. Ghalhekk hija ffirmat il-formola ta' l-ETC. tixhed li tant l-affarijiet fil-parti tal-hanut li kienet tkun fih Caroline Camilleri kienu taghha li meta nqala' l-kaz din hadet l-istock kollu li kellha u fethet hanut iehor f'Birzebbugia. L-imputata tixhed li wara din l-esperjenza ma zammitx il-hanut ghaliex ma felhitx thallas il-kera tal-hanut ghaliex Camilleri bdiet tghinha fil-kera. Hija tichad li kellha x'taqsam mac-cpiepet. In kontro-ezami xehdet li hija ma qalitx dan kollu fl-istqarrija ghaliex bezghet li tikxef lil Camilleri u inoltre' skont il-kuntratt tal-kiri ma setghetx tissulloka. Hija cahdet li Camilleri kienet tixtri l-istock hija stess minn flusha.

Illi permezz ta' l-imputazzjonijiet odjerni l-imputata qed tigi addebitata bir-reati kontemplati fis-subartikoli (a), (c) u (f) ta' l-artikolu 298 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi s-subartikolu (a) jipprovdi li kull minn jiffalsifika jew ibiddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrja, jew, xjentement, jaghmel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid ikun hati ta' reat.

Illi s-subartikolu (c) jipprovdi li kull minn jaghmel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew ibiegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema jkun hati ta' reat.

Illi hekk kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Nadine Cutajar**[3] permezz ta' din id-dispozizzjoni l-Ligi mhux qed tikkomtempla falsifikazzjoni, imma uza ta' marka jew emblema li jkun fiha xi indikazzjoni li tista' tqarraq, u bejgh ta' merkanzija b'xi marka jew emblema li jkunu imxebbhin b'qerq; cioe uzu ta' xi marka jew emblema li ghalkemm possibilment mhux identika ghal dik originali, ikollha xi indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej billi tqeghdu taht l-impressjoni li qed jixtri prodott differenti minn dak li fil-fatt qed jixtri. Fi kliem iehor dak li qed tipprojbixxi l-Ligi peremzz ta'din id-dispozizzjoni huwa l-uzu ta' marki li minhabba xebh jistghu jinducu lill-konsumatur li jixtri prodott b'l-impressjoni li qed jixtri prodott iehor.

Illi s-subartikolu (f) jipprovdi li kull minn xjentement iqieghed fic-cirkolazzjoni, ibiegh jew izomm ghandu ghall- bejgh jew jimporta ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq ikun hati ta' reat.

Illi mir-rizultanzi processwali din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-imputazzjonijiet sal-grad rikjest mil-ligi.

Illi d-difiza fis-sottomissjonijiet taghha sostniet li f'dan il-kaz ma ngabitx il-prova tal-qerq ossija li c-cpiepet inkwistjoni huma foloz u dan billi s-sid tad-ditta Tresor Paris ma tressaqx bhala xhud. Din il-Qorti ma taqbilx ma' tali sottomissjoni. Fl-ewwel lok, fl-atti gie ezebit ic-certifikat li 202 Jewellery Limited huwa r-rapprezentant ufficjali ta' din id-ditta Tresor Paris u gie awtorizzat jiehu kwalunkwe proceduri legali kontra kull min jinfringi din id-ditta. Fit-tieni lok, harsa biss lejn ic-cpiepet ezebiti wkoll ma jhallu l-ebda dubju li l-istess mhumiex ta' kwalita' u mhumiex dawk originali. Fit-tielet lok, l-imputata fl-istqarrija minnha rilaxxjata hija stess tammetti li fil-hanut taghha nstabu zewg cpiepet falsifikati tad-ditta Tresor Paris u inoltre' kkonfermat li c-cappetta li bieghet Caroline Camilleri hija wahda ffalsifikata.

---

[3] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-18 ta' Frar 2013

Il-versjoni moghtija mill-imputata fix-xhieda taghha tinsab kontradetta minnha stess kemm fl-istqarrija taghha meta stqarriet *"Jien ghandi persuna tahdem mieghu bhala salesgirl, li jisimha Caroline Camilleri, li xogholha hu li tiehu hsieb il-bejgh tal-accessorji u xi hwejjeg ohra. Din il-persuna titla' Sqallija tixtri dan ix-xoghol imbaghad tbieghu mill-hanut tieghi**. Jien qatt ma mort maghha biex taghzel ix-xoghol ghax ma jkollix cans u x-xoghol taghzlu hi**"*. (sottolinear u enfasi tal-Qorti)

Kwindi huwa evidenti li x-xoghol kien jinxtara f'isem l-imputata Sarah Brincat u Caroline Camilleri kienet qeghda tagixxi bhala impjegata ta' l-istess Brincat. Ghad-domanda successiva ta' meta c-cpiepet kienu nxtraw hija rrispondiet *"M'ghandix idea. Ma nahsibx li l-ahhar darba li telghet pero' ghax meta gejtu intom kien ghadha kif giet bix-xoghol"*. Tali twegiba ma tistax hlief tfisser li tant Caroline Camilleri kienet qeghda tagixxi fl-interess ta' l-imputata, li Sarah Brincat kienet konxja tal-movimenti ta' l-istess Camilleri u kienet taf dwar ix-xoghol li kien qieghed jingab minn barra. Li kieku l-versjoni moghtija mill-imputata fid-deposizzjoni taghha hija veritiera allura hija ma kellhiex ghalfejn la tkun taf meta Camilleri kienet qeghda tmur Sqallija u wisq anqas x'xoghol iggib ghaliex ma kien ikollha l-ebda interess hlief li Camilleri thallasha sehemha mill-kera. Id-difiza ssottomettiet ukoll li ma tistax tinstab htija kollettiva billi Camilleri kellha wkoll proceduri kriminali fil-konfront taghha li llum ghaddew f'gudikat. F'dan il-kaz pero' mhix kwistjoni ta' htija kollettiva izda kwistjoni li kull individwu jerfa' r-responsabilita' tieghu f'dak li jkun sehh bi vjolazzjoni tal-ligi.

Illi dawn it-tlett imputazzjonijiet jirrikjedu r-rekwizit tax-xjenza ta' l-individwu ta' dak li jkun qieghed isehh. Mill-atti jirrizulta li l-imputata kellha din ix-xjenza. Infatti, fl-istqarrija mill-ewwel ammettiet li c-cpiepet kienu foloz. Oltre' dan, il-prezz mitlub ghac-cappetta ta' €20, meta cappetta originali li hija simili ghal dik mibjugha mill-hanut taghha tiswa madwar €119 jew aktar jaghmilha evidenti li kien hemm ix-xjenza li kienet falza. Anki l-kaxxa li fiha nbieghet ic-cappetta li fuqha kellha Tresor Paris ma kinitx il-kaxxa ufficjali.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti tqis in-natura tar-reati, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fedina penali netta ta' l-imputata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 298(1)(a), (c)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat iehor ghal zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre' tordna d-distruzzjoni tal-oggetti ezebiti.

Il-Qorti spjegat lill-imputata bil-konsegwenzi jekk twettaq reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat